movimento tal-fokolari

# Il-Kelma tal-Ħajja

## Ottubru 2026

ĦARĠA 10

## “La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux, għax intom ukoll, kontu barranin fl-art tal-Eġittu” (*Eż* 22, 20).

Il-Kelma tal-Ħajja ta’ dan ix-xahar hi meħuda mill-ktieb tal-Eżodu li jirrakkonta l-kundizzjonijiet iddisprati li fihom kienu jgħixu l-Lhud meta kienu fl-Eġittu. Magħkusin u lsiera, huma għollew leħinhom lejn Alla biex jidħol għalihom u jgħinhom. Din il-karba waslet sal-qalb ta’ Alla li mbagħad ħatar lil Mosè bħala l-mibgħut tiegħu. Wara li nħelsu, huma għamlu ċerimonja li ssiġillat il-Patt bejn Alla u Iżrael. Id-dokument li jirrifletti din ir-rabta jissejjaħ il-Kodiċi tal-Patt[1], li ntlaqa’ mill-poplu kollu[2]. Fih insibu l-Għaxar Kmandamenti li magħhom żdiedu xi liġijiet oħra marbuta mal-ġrajja straordinarja tal-ħelsien. Il-kelma għal dan ix-xahar hi meħuda minn patrimonju ta’ regoli dwar ħajja u mġiba.

**“La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux, għax intom ukoll,
kontu barranin fl-art tal-Eġittu”.**

Il-barrani jagħmel parti minn kategorija ta’ nies li huma ppreferuti u mħarsin minn Alla għax flimkien mal-fqir, mal-iltim u mal-armla hu fost l-aktar nies vulnerabbli. Qabelxejn, ir-raġuni għal din ir-regola teħodna lura għal dak li l-poplu Lhudi għex fil-jasar tal-Eġittu. Dak li fil-ktieb tal-Eżodu kien għamel Alla b’id qawwija nsibuh fit-Testment il-Qadim kollu. Il-poplu għandu dejjem jiftakar f’din il-ġrajja bħala waħda li, b’modi differenti tkompli sseħħ f’kull ġenerazzjoni. Dak li kiteb Oriġene dwar il-ktieb tal-Eżodu fih ħafna x’tifhem: “Min jgħakkes lill-barrani juri li għadu ma ħariġx mill-Eġittu”[3].

Dan il-kmandament ifakkarna wkoll fl-empatija: jiġifieri li npoġġu ruħna fil-post tal-oħrajn hekk li nkunu nistgħu nifhmuhom u nagħrfu x’jeħtieġu. Min għadda minn xi esperjenza diffiċli għandu jsibha aktar faċli li jsir ħaġa waħda mat-tbatija tal-oħrajn. Imma fit-Testment il-Qadim din mhijiex biss esperjenza umana. Hu Alla nnifsu li jagħtina l-eżempju ta’ xi tfisser tidħol fis-sitwazzjoni tal-oħrajn.

**“La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux, għax intom ukoll,
kontu barranin fl-art tal-Eġittu”.**

Issa kif se ngħixu din il-Kelma tal-Ħajja? Għandu mnejn tkun ħaġa faċli għalina li nagħmlu xi mistoqsija: kien hemm xi żmien li fih għamilt l-esperjenza li nkun barrani? Ħassejtni mhux aċċettat, mhux milqugħ, mhux mifhum, barra minn posti? X’tgħallimt minn dawn is-sitwazzjonijiet? Jiena lil min inqis bħala barrani?

Min hu l-barrani għal Alla? Kif nistgħu nilqgħuh b'qalb miftuħa kif Alla jagħmel magħna? Konkretament x'nista' nagħmel?

Chiara Lubich kitbet hekk: "Ma' Alla, li ma jagħmel ebda distinzjoni bejn persuna u oħra, kif ma ndaħħlux f'qalbna l-fatt li aħna lkoll aħwa? Aħna wlied l-istess Missier, għalhekk nistgħu niskopru lil xulxin bħala aħwa ta' kull bniedem li nersqu lejh. Mela, la aħna lkoll aħwa ta' xulxin, għandna nħobbu lil kulħadd, ibda minn dawk li jgħixu qrib tagħna, bla ma qatt nieqfu. Imbagħad imħabbitna ma tkunx waħda astratta, imma konkreta, li nuruha bil-qadi. Imħabba li għandha l-ħila tersaq qrib l-oħrajn. Imħabba li biha nsibu l-ħin nitkellmu, nidħlu fis-sitwazzjonijiet iebsa tal-oħrajn, nerfgħu fuqna l-piż u l-inkwiet tagħhom. Hekk huma jħossuhom mifhuma u milqugħa għalkemm huma differenti minna, u jħossuhom liberi li jaqsmu magħna l-affarijiet sbieħ tagħhom[4].

Din hi l-esperjenza ta' Marjam,  żagħżugħa mill-Pakistan.

"Darba dħalt f'bar u l-propjetarju ma riedx jagħti t-te lil waħda mara xiħa. Fuqi kelli biss ftit rupiji (il-flus tal-post) fil-but, imma ħassejt li kelli ngħinha. Mort ħdejn dan il-propjetarju u għidtlu li kont se nħallas jien. Għall-ewwel beda jħares lejja u kien xi ftit indeċiż. Imbagħad, wara ftit, tbissem u qalli: "Le, mhux sewwa. Jekk inti, klijenta lesta li tuża l-ftit flus li għandek biex tgħinha, kemm aktar jien, il-propjetarju, imissni nkun ġeneruż? Aktar faċli għalija li nagħtiha tazza te b'xejn milli nħallik tħallas int". Din kienet għalija esperjenza qawwija. Meta fittixt li nħobb, l-ewwel lil dik ix-xiħa u mbagħad lill-propjetarju, rajt kemm azzjoni kollha ħlewwa tista' tiftaħ qalb persuna oħra".

**Augusto Parody Reyes u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja**

**REFERENZI**

1. *Eż* 20-23.

2. Ara *Eż* 24.

3. Origene, Homiliae in Exodum V, 5.

4. C. Lubich, Kelma tal-Ħajja ta' Mejju 2006, fil-ktieb Parole di Vita, ta' Fabio Ciardi, (Opere di Chiara Lubich 5), Città Nuova, Ruma 2017, pġ. 780.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise', Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 485 499 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**